MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 560/2005

**Maria Concetta Baker (karta ta' l-identita` numru 769759 (M)), Maria Stella Cilia, Miriam Zammit (karta ta' l-identita` numru 770456 (M)), Eugenio Chetcuti (karta ta' l-identita` numru 679758 (M), Joseph Chetcuti (karta ta' l-identita` numru 665061 (M)), Francis Chetcuti (karta ta' l-identita` numru 489955 (M)) personalment kif ukoll bhala prokuratur ta' l-assenti Carmel Chetcuti**

**vs**

**Dionisius sive Denis Ciappara (karta ta' l-identita` numru 366533 (M)), Grace Ciappara (karta ta' l-identita` numru 250837 (M)), Denis Ciappara (karta ta' l-identita` numru 494180 (M)) ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-13 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha l-atturi sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi l-atturi kienu wirtu l-hanut numru 125, Main Street, Hal Qormi, minghand il-genituri taghhom;

2. Illi l-hanut de quo kien inkera lill-konvenut Dionisius Ciappara bi skrittura privata datata t-12 ta' Frar, 1981;

3. Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Dionisio sive Denis u Grace Ciappara vs Geraldo u Carmen Chetcuti et datata l-11 ta' Novembru, 1998, l-istess Bord iddecieda:

i. Illi jirrespingi l-pretensjoni tal-intimati li r-rikorrenti jitilfu d-dritt ta' sullokazzjoni;

ii. Illi l-inkwilini rikorrenti ma jkollhomx id-dritt li jghaddu lis-subinkwilini d-dritt ta' sullokazzjoni;

4. Illi nonostante dan, il-konvenut Dionisius sive Denis Ciappara xorta ssulloka a favur il-konvenut Denis Ciappara l-imsemmi hanut ghalkemm dan il-fatt mhux qed jigi ammess mill-konvenuti;

Illi in vista tal-premess l-atturi qed jitolbu li din il-qorti, prevja kull dikjarazzjoni li joghgobha taghti:

1. Tiddikjara li l-konvenut Dionisius sive Denis Ciappara issulloka l-fond de quo favur Denis Ciappara;

2. Bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Lulju, 2005, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament wiegbu s-segwenti:

1. Illi Dionisius sive Denis Ciappara qatt ma ssulloka l-fond de quo lill-ibnu;

2. Illi kull ma ghamel hu li mpjega lill-ibnu shab mieghu fil-gestjoni tal-hanut de quo;

3. Illi bhala kumpens ghal dan ix-xoghol ikkonceda lill-ibnu nofs il-qliegh tan-negozju;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-29 t'April, 2009, li permezz tieghu l-kontendenti rregistraw li kienu qed jaqblu li effettivament, in-numru civiku tal-fond meritu ta' din il-procedura, fic-citazzjoni promotrici ndikat bhala 125, kien inbidel ghal 102, (ara fol 83 et sequitur);

Rat ukoll id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta wkoll datat id-29 t'April, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex jisma' l-provi tal-konvenuti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti rispettivament datati s-26 t'April u l-31 ta' Mejju, it-tnejn tas-sena 2012;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferit;

Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi qed jallegaw li l-konvenut Dionisius sive Denis Ciappara kien issulloka l-fond meritu tal-procedura odjerna fuq indikat lill-ibnu Denis Ciappara nonostante d-divjet espress sancit mill-Bord li Jirregola l-Kera permezz tas-sentenza su citata datata l-11 ta' Novembru, 1998;

2. Illi minn naha taghhom, il-konvenuti jirrespingu tali allegazzjoni u jsostnu li effettivament l-

imsemmi Denis Ciappara, iben il-kerrej tal-fond de quo, hu biss impjegat ta' missieru Dionisius fuq indikat;

3. Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, jirrizulta s-segwenti:

i. Illi fl-2006, l-imsemmi Denis Ciappara, (l-iben), kien minghajr xoghol, (ara fol 46 et sequitur);

ii. Illi l-ahhar impjieg tieghu qabel din id-data ndikata fil-paragrafu precedenti kien fit-2 ta' Mejju, 1999, meta jirrizulta li kien impjegat ta' *Gem Limited*;

iii. Illi Dionisius Ciappara, (il-missier), jirrizulta li kien "*self employed*" mit-2 ta' Jannar, 1987, spicca fil-5 ta' Mejju, 1994, izda rega' kkwalifika bhala "*self employed*" fis-6 ta' Mejju, 1994, (ara fol 47 et sequitur);

iv. Illi fl-1 ta' Lulju, 2003, Denis Ciappara, (l-iben), jirrizulta wkoll li kien "*self employed*" u kien jahdem ta' "*full-time hairdresser*", (ara fol 58 et sequitur), u di piu`, l-impjieg tieghu f'dan ir-rigward hu wkoll indikat bhala "*indefinite*", (ara fol 60 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ir-rizoluzzjoni tal-vertenza de quo tiddependi minn kemm l-atturi jippruvaw l-allegazzjoni minnhom vantata li l-konvenuti agixxew bi ksur lampanti tad-divjet fuqhom impost mill-Bord li Jirregola l-Kera bis-sentenza tal-11 ta' Novembru 1998;

Illi f'dan ir-rigward kull ma jirrizulta in atti hu biss sensiela ta' nkartamenti tal-Korporazzjoni tal-impjieg fuq citata li semplicement, fuq l-iskorta tal-istess l-allegazzjoni tal-atturi bl-ebda mod tista' tigi ppruvata stante li kull ma turi hu biss ir-relazzjoni tal-individwu kkoncernat mal-istess Korporazzjoni – relazzjoni li hi effettivament marginali ghal vertenza vera u proprja;

Illi effettivament kemm il-provi, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-atturi, jirrizultaw li huma biss kongetturi u ipotesijiet – xejn ipprovat skont il-ligi;

Illi di piu`, jirrizulta li l-verzjoni fornita mill-konvenuti li Denis (l-iben), hu mpjegat ma' missieru hi verosimili u bl-ebda mod ma tirrizulta skonvolta mix-xhieda prodotta mill-atturi;

Illi ghalhekk din il-qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tqisx li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li:

1. Takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fuq indikati;

2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-atturi;

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------